MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Numru 863/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Leonardo Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputat Leonardo Calleja ta’ 48 sena bin Anthony u Felicita’ nee Pisani imwieled ir-Rabat fit-3 ta’ Dicembru 1953 u residenti 94, Triq il-Grazzja Zebbug detentur ta’ karta ta’ identita numru 877053(m) akkuzat talli:

1. fit-22 ta’ April 2002 u fil-jiem ta’ qabel, fir-Rabat, wettqu xi attivita’ jew operazzjoni, jew kienu ingaggati f’xi attivita’ jew operazzjoni tali li tirrigwarda r-rizorsi ta’ l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellhomx licenzja, permess jew

awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-rizorsi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta:

- li l-imputat hu sid ir-razzett sitwat Gnien iz-Zghir f'Wied tal-Isqof, Rabat (Malta);

- li gewwa garaxx anness mar-razzett kienet tezisti 'borehole' li tirrizulta ma kinitx registrata;

- li fid-data tat-22 ta' April tas-sena l-ohra kien qieghed isir xi xoghol f'din il-'borehole';

- li dan ix-xoghol kien qed isir permezz ta' makkinarju appositu proprjeta tal-ko-akkuzati l-ohra li kuntrarjament ghal 'borehole' in kwistjoni kien registrat.

Illi mill-provi ma johrogx car x'tip ta' xoghol kien qieghed isir – jekk ta' thaffir jew tindif. Madanakollu u riferibilment ghall-akkuza bbazata kif inhi fuq l-artikolu 26 tal-Kap 423 jirrizulta wisq car li l-imputat kien qieghed jaghmel xoghol fl-imsemmija 'borehole' ossija kien effettivament qabad jaghmel xi attivita' jew operazzjoni (kliem testwali tal-ligi) minghajr permess jew awtorizzazzjoni, u di piu' f''borehole' li ma rrisultax registrata.

Ghalhekk issibu hati tal-akkuza kontrih dedotta. Rat l-artikolu 26 tal-Kap 423 u tikkundannah Lm50 multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------